**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**KALKARA**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1/26

19 ta' Jannar 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**1.26.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

1.26.1.1 Ma kienx hemm.

**1.26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

1.26.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 15.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

1.26.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Christophe Bruno u sekondati mis-Sa Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 15.25 ġew approvati unanimament.

1.26.2.3 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**1.26.3 Punti mill-Minuti Preċedenti**

13.25.4.4 **Jum il-Kalkara**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lis-Sindku r-rapport tal-ispejjeż fid-dettal ta' Jum il-Kalkara li ammonta għal €2,287.00. Is-Sindku żied jgħid li l-ispiża ta' din is-sena hija simili ma' ta' snin ta' preċedenti.

14.25.4.3 **Fondi Għal Skema tal-Milied**

Il-Kunsill kien aġġornat dwar il-fondi li ottjena in konnessjoni mal-attivita`u l-tiżjin tal-Milied ta' din is-sena fejn l-ammont kien ta' €20,000 (€15,000 mogħtija mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali u €5,000 mill-Awtorita` Għat-Turiżmu). Bħalissa l-Amministrazzjoni tal-Kunsill qed tagħlaq il-ħlasijiet pendenti biex jkun jista' jiġi provdut lill-Kunsill ir-rapport tal-ispejjeż.

14.25.4.5 **Proposta mill-NGO, Generation Change *(Playboat)***

Is-Sindku nforma l-Kunsill illi fi Ġnien is-Salvatur tqegħdet id-dgħajsa (*Playboat)* li kien ġie diskuss matul il-laqgħa preċedenti. Din id-dgħajsa tpoġġiet fil-post li ser tibqa' fih għal raġuni li l-persuni nvoluti fir-restawr tagħha ser ikomplu x-xogħolijiet neċessarji fuq il-post. Huwa żied jgħid illi dan ix-xogħol qed isir b'mod volontarju. Il-pjan huwa illi fix-xhur li ġejjin din il-dgħajsa ser tkun lesta u ser isservi bħala *open library.*

Filfrattemp, ser jiġi abbozzat *Memorandum of Understanding* (MoU) bejn l-NGO kkonċerata u l-Kunsill li fih ser ikun hemm indikat il-kundizzjonijiet flimkien mar-responsabilitajiet ta' bejn iż-żewġ partijiet dwar din l-*open library*. Is-Sindku tkellem ma' din l-NGO u kemm hemm qbil b'mod verbali li d-dgħajsa ser tkun proprjetà tal-Kunsill filwaqt il-manutenzjoni ser jaqa` taħt din l-NGO.

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku flimkien mal-Perit tal-Kunsill għandhom il-laqgħa mal-Awtorita` tal-Ipjannar fil-21 ta' Jannar 2026 fejn ser jiġi deċiż il-permess fuq l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa. Il-Perit tal-Kunsill ser jitlob differiment tas-smigħ minħabba proċeduri oħra li hemm quddiem il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita`.

15.25.4.2 **Festa Ċitru**

Matul il-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, il-Kunsill kien ikkonferma li Festa Ċitru ssir il-Ħadd 25 ta' Jannar 2026. Is-Sindku nnota li dakinhar ser tkun ix-xita u għalhekk talab lill-Kunsill jikkonferma li jekk ftit ġranet qabel ikun imbassar li ser tkun ix-xita, l-attivita` tiġi posposta għall-Ħadd ta' wara iġifieri fl-1 ta' Frar 2026.

Is-Sindku rrimarka wkoll li hemm ukoll Festa Ħelu li hija skedata nhar il-Ħadd 8 ta' Frar u għalhekk jekk Festa Ċitru tiġi posposta għall-1 ta' Frar, l-attivita` Festa Ħelu ser tkun posposta wkoll għal aktar `il quddiem ħalli l-attivitajiet ma jkunux qrib ta' xulxin.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsill dwar il-materja, il-Kunsill unanimament qabel mall-proposta tas-Sindku iġifieri li jekk Festa Ċitru ssir fl-1 ta' Frar 2026, l-attivita` ta' Festa Ħelu tiġi posposta wara l-Għid il-Kbir peress li Festa Ħelu ma tistax tiġi organizzata fil-perjodu tar-Randan.

**1.26.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

9.25.4.1 **Inizjattiva minn Pjazza għal Pjazza (Rendikont tal-Ispejjeż)**

Wara li ttellgħet l-attivita` Minn Pjazza Għal Pjazza fejn il-Kunsill kien ibbenefika minn fondi ta' € 30,000 b'kontibuzzjoni mill-Kunsill tal-Arti u mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali, il-Kunsill qiegħed jiġi ppreżentat ir-rendikont tal-ispejjeż li ammontaw għal € 30,698.92.

Il-Kunsill tal-Kalkara kien wieħed minn fost 15 -il Kunsill kollha li organizza din l-attivita matul is-sena 2025.

Għal din l-attivita` kien tqabbad Direttur Artistiku appożitu li ħa ħsieb li organizzazzjoni u l-loġistika ta' din l-attivita` kollha.

1.26.4.1 **Trasport b'Xejn Għall-Istudenti fi Ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita**

Għal sena oħra, sar iffirmar ta' ftehim għal trasport b'xejn għall-ħarġiet tat-tat-tfal tal-iskola Primarja. Dan il-ftehim sar mill-Fondazzjoni Kottonera mal-Kapijiet tal-iskejjel tal-Kalkara, Birgu, Isla u Bormla fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alsion Zerafa u s-Sindku rispettivi.

Is-Sindku, Wayne Aquilina kien preżenti għal dan l-iffirmar f'isem il-Kunsill Lokali li laqa' din l-inizjattiva li minnha ser jibbenefikaw it-tfal li jattendu fl-iskola tal-Primarja tal-Kalkara.

1.26.4.2 **Pożizzjoni Ġdida Għall-Segretarju Eżekuttiv**

Id-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali (DLG) nfurmat lill-Kunsill illi kien hemm kandidata ġdida li hija nteressata għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Kalkara. Id-DLG provda l-linji gwida dwar il-proċess tal-għażla. Il-Kunsill huwa mitlub jaħtar Bord tal-Għażla sabiex issir l-intervista lill-kandidata.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill mexa fuq l-istruzzjonijiet tad-DLG, ħatar Bord tal-Għażla u nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026 saret l-intervista fejn il-Membri ta' dan il-Bord għamel l-assessjar neċessarji tiegħu kif ukoll iddikjaraw li ebda Membru tal-Bord m'għandu konflitt ta' interess.

Matul il-laqgħa, il-Kunsill ġie muri r-rapport li pprepara l-Bord tal-Għażla dwar l-intervista tal-kandidata u unanimament qabel mar-rapport ippreżentat li jinkludi r-rakkomandazzjoni tal-kandidata li ser ikun qiegħed jintbagħat lid-DLG.

Sussegwentament, id-DLG ser ikun qiegħed jgħaddi r-rakomandazzjoni tal-Bord lill-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku għall-approvazzjoni tiegħu.

**1.26.5 Korrispondenza**

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv provdew aġġornament dwar it-*tender* KKR/0T/2/2025 li kien ħareġ mill-Kunsill għal rigward ir-rikostruzzjoni tal-ħajt tas-sejjieħ fi Trejqet iċ-Ċimiterju. Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie maqbul li t-*tender* dwar il-ħajt tas-sejjieħ għandu jiġi kkanċellat għaliex l-ammont tal-unika *bidder* qabeż dak li kien stimat.

Filfrattemp, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab ġwida mill-Dipartiment tal-Kuntratti u li ġiet rinvjata lid-Divizjoni tal-Gvern Lokali, is-Sezzjoni responsabbli mill-kuntratti wara l-Kunsill iddeċieda li jikkanċella it-*tender* sabiex jesplora l-għażliet li hemm disponibbli skont ir-regolament tal-*procurement*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jistax jmurr għal *direct order* għax-xogħolijiet fuq il-ħajt tas-sejjieħ kkonċernat wara li jkun ottjena stimi minn fornituri f'din is-sengħa. Madanakollu, is-Sezzjoni f'ħdan il-Gvern Lokali irrakkomanda lill-Kunsilli li f'dan l-istadju, ikun iktar għaqli li jerġa' joħroġ it-tender mill-ġdid wara li ssir revalwazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-istess *tender*.

Wara din ir-rakomandazzjoni, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Perit tal-Kunsill u fejn issuġġerixxa li wara li jkun għadda l-permess quddiem l-Awtorita` tal-Ippjannar dwar il-tisbieħ tat-Trejqet iċ-Ċimiterju, il-Perit ser jassisti biex jiġi abbozzat *tender* fl-intier li ser jinkludi fih it-tisbieħ tal-ħajt tas-sejjieħ.

7.24.5.3 **Paġament Pendenti fuq l-Arloġġ tad-Dawl fi Ġnien Salvatur**

Matul is-sena 2024, il-Kunsill kien irċieva kont tad-dawl mingħand l-ARMS ta' Ġnien Salvatur li jkopri dawn l-aħħar 25 sena liema kont il-Kunsill ma kien irċieva kontijiet dwaru. Il-kont kien jammonta għal aktar minn €8,000 u li matul dawn l-aħħar xhur, dan il-kont tad-dawl baqa' jiżdied.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien informa l-Kunsill b'din is-sitwazzjoni u ġie ggwidat li jieħu parir legali.

Wara diversi xhur f'kommunikazzjoni bejn l-ARMS u l-Avukat tal-Kunsill inkluż ittri legali, kien intlaħaq ftehim li l-Kunsill iħallas l-aħħar ħames snin (minflok l-aħħar 25 sena) mill-kont tad-dawl li għal ammont ta' €1,600 minflokk id-€9,000.

10.25.5.1 **Dħul mill-Kontravenzjonijiet tat-Traffiku**

Il-Kunsill ġie nfurmat illi f'dawn l-aħħar ġranet, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill irċeviet is-somma ta' €9.054 mingħand il-LESA li jikkonċernaw 10% tal-ammont ta' kull kontravenzjoni li ngħataw ġewwa l-Kalkara u li ġew imħallsa mill-individwu.

1.26.5.1 **Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Librerija tal-Kunsill**

Il-Librar tal-Kunsill ipprovda l-informazzjoni rikjesta mill-Kunsill dwar l-użu tal-librerija matul ix-xahar ta' Diċembru 2025 sabiex jiddeċiedi jekk jibdilx d-data tal-Ħamis ma dik tas-Sibt filgħodu.

Il-Kunsill unanimament qabel li l-librerija tibda tiftaħ is-Sibt filgħodu bħala prova u għalhekk il-librar ser jiġi mistoqsi il-ħinjiet tal-ftuħ.

**1.26.6** **<u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

<u>Is-Sa Speranza Chircop</u>

1.26.6.1 Is-Sa Chircop ser torganizza ħarġa Kulturali f'Jannar 2026.

1.26.6.2 Is-Sa Chircop infurmat li l-kors tal-FITA ser jibda fit-tieni ġimgħa ta' Frar 2026.

1.26.6.3 Is-Sa Chircop fakkret li l-ġimgħa l-oħra ġiet is-Sa Doris Vella u għamlet sessjoni dwar il-kitba Maltija fuq il-kaligrafija lill-anzjani. Il-Ħamis li ġej is-Sa Vella ser tkun qed tagħmel sessjoni oħra fuq il-kitba Maltija. Irrimarkat ukoll li fit-28 ta' Jannar 2026 ġewwa l-Kunsill tal-Belt Valletta, b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Port ser jitella' kors bl-inizjattiva *Nexus*.

<u>Is-Sa Maria Sultana</u>

1.26.6.4 Is-Sa Sultana nfurmat li nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar fl-4.30pm ser ikun hemm il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal.

Is-Sur Vincent Bongailas

1.26.6.5 Is-Sur Bongailas ser jinforma aktar 'il quddiem bid-data tal-*iSports Day*.

Is-Sur Christopher Bruno

1.26.6.6 Is-Sur Bruno nnota li ma ġewx rrapuratati ħsarat kbar ġewwa l-Kalkara in vista tal-maltemp seħħ fuq il-Gżejjer Maltin.

**1.26.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**1.26.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

1.26.8.1 Is-Sa Speranza staqsiet dwar jekk kienx hemm xi żviluppi wara l-laqgħa li saret l-Uffiċjal ta' Transport Malta dwar it-trasport pubbliku fil-Kalkara?

Is-Sindku fakkar li din hija Entita` hija indipendenti u għalhekk il-Kunsill m'għandu l-ebda segħta li jobbligaha jew jordnalha dak li ppropona l-Kunsill fir-rapport tiegħu. Ir-rapport li kien ikkompilat mill-Kunsill kien jittratta dwar it-titjieb tat-trasport pubbliku ġewwa l-Kalkara li ntbagħat lill-Ministru Għat-Trasport. Is-Sindku huwa nfurmat li din l-Entita` qed taħdem fuq uħud mill-proposti.

Ftit żmien ilu, is-Sindku kien f'kommunikazzjoni ma' din l-Entita` u ser jerġa' jagħmel tfakkira oħra.

1.26.8.2 Is-Sa Speranza staqdiet lis-Sindku dwar l-installazzjoni ta' ħadid (*handrail*) fl-aħħar parti ta' Triq il-Kapuċċini kantuniera max-Xatt quddiem il-Ħolma Store. Fakkrek li qabel ma kien sar il-proġett tax-Xatt, f'din il-parti kien hemm diġa' *handrail* sabiex bħala jintuża mill-persuni li jgħaddu minn hemm u li kien ta' użu speċjalment meta l-art tkun imxarba.

Is-Sindku rrimarka illi peress li nbidel il-*layout* tax-Xatt wara r-riġenerazzjoni tiegħu, dan il-*handrail* ma jistax jiġi nsallat fejn kien eżatt qabel għax ikun qed joħloq diffikulta' minn ikun nieżel bil-vettura tiegħu. Għalhekk, is-Sindklu ssuġerixxa li l-*handrail* jitwaħħal mal-ħajt ta' proprjetà privata minflokk fix-xifer tal-bankina. Is-Sindku talab lis-Sa Speranza tipprovdi d-dettalji tar-resident fejn jista' jitwaħħal dan il-*handrail* sabiex jintalab il-permess tar-resident. Meta l-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tar-resident, ser issir l-applikazzjoni neċessarja sabiex japplika għall-permess meħtieġ mill-Entita' kkonċernata.

1.26.8.3 Is-Sa Chircop tkellmet dwar it-tisbieħ jew ir-riġenerazzjoni fi Triq Santa Filomena u staqsiet lis-Sindku jekk ix-xogħolijiet li kien pjanat li jagħmel l-iżvilupatur hux ser isiru u enfasizzat li l-parkeġġi eżistenti jibqgħu anki wara li jitlesta t-tisbieħ tal-istess triq.

Is-Sindku wieġeb li bħalissa għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet bejn l-iżviluppatur u Infrastructure Malta u ser jagħti aġġornament lill-Kunsill dwarha.

1.26.8.4 Is-Sa Sultana talbet lis-Sindku aġġornament dwar il-luzzu li jinsab mitluq ġewwa l-iskola tal-Primarja tal-Kalkara.

Riċentament, is-Sindku kien avviċinah persuna li xtaq jirrestawra dan il-luzzu. Minnufih, is-Sindku kkordina laqgħa mas-Sur Joe Mizzi, iċ-Chairperson ta' Fondazzjoni Kottonera u nfurmah dawn diin il-persuna li wriet interess li tirrestawra il-luzzu. Ġara illi meta ġie mkejjel il-qies tal-luzzu, instab li dan ma jidħolx fil-ġaraxx tal-persuna nteressata.

Aktar tard, matul il-perjodu tal-Milied, is-Sindku flimkien mas-Sur Mizzi tkellmu ma' Clean Malta biex jibda l-proċess ta' żgumbrament ta' dan il-luzzu. Ġara li għat-tieni darba, kien hemm persuna oħra li talbet ukoll tirrestawa l-luzzu u għalhekk intalbet sabiex tiċċekkja l-qisien. F'każ li din il-persuna ma tieħux il-luzzu għar-restawrazzjoni, din l-opra tal-baħar ser titieħed għad-distruzzjoni minn Clean Malta.

1.26.8.5 Is-Sa Sultana nnutat l-bini tal-appartamenti l-ġodda fi Triq Santa Filomena kważi lesti u qabel tidħol għall-imsemmija appartamenti, hemm ġrada li jekk titneħħa, ser tkun qed toħloq periklu peress li s-sit ta' kostruzzjoni għadha mhux lesta kompletament.

Is-Sindku ser ikun qed jiċċekkja mal-kuntrattur dwar dan.

1.26.8.6 Is-Sa Sultana talbet aġġornament dwar l-kostruzzjoni ta' *roundabout* li hemm bħalissa miżbugħa biż-żebgħa qabel it-telgħa tal-Esplora.

Is-Sindku fakkar li ftit xhur ilu, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ottjeniet kwotazzjonijiet li ġew mgħoddija lill-Entita` kkonċernata. Għalhekk, huwa ser ikompli jixpruna sabiex l-ispejjeż tar-rounadbout jkunu koperti minn din l-Entita`.

1.26.8.7 Ftit żmien ilu, is-Sa Sultana kienet talbet sabiex tinżebaħ tul ix-xifer tal-bankina peress li huwa faċli li wieħed ma jinnotax ix-xifer tagħha li b'konsegwenza t'hemm, il-pubbliku jista' jaqa' u jweġġa'.

Is-Sindku ħa nota ta' din it-talba.

1.26.8.8 Is-Sur Bruno talab aġġornament dwar l-installazjoni tal-*bollards* fil-karreġjata mal-kisra ħdejn il-monument ta' San Ġużepp fix-Xatt.

Is-Sindku qabel li jitwaħħlu l-bollard imma jinsab konfuż minħabba li jekk jitwaħħlu l-*bollards* jista' jkunu ta' ostakli wara li ġurnata qabel kien hemm bżonn li jiżarma *tower crane* u li kieku kien hemm il-*bollards*, dawn setgħu jkunu ta' ostaklu biex jgħaddi meta jgħaddu vetturi kbar.

1.26.8.9 Is-Sur Bruno talab li fi Triq Melchior De Robes jiġi nstallat aktar dawl.

Is-Sindku ser jara l-possibilita` għal rigward ta' din it-talba.

Fil-5.26pm, is-Sur Bongailas talab sabiex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**1.26.9** **Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**1.26.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vincent Bongailas ssekondata mis-Sa Maria Sultana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**1.26.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-5.38pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2025, fil-5.30pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 23 ta' Frar 2026

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**